# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 24**

**Rikors numru 85/11 AL**

**Christopher Grima**

**v.**

**Liliana Grima**

**Il-Qorti:**

1. Fit-18 ta' Marzu, 2011 l-attur ippreżenta kawża għall-firda personali minn mal-konvenuta, li eventwalment kompliet bħala kawża għal divorzju, u li biha talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex:

"*(i) Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48*

*(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;*

"*(ii) Tawtorizza lir-rikorrent attur illi jghix separatament mill-konvenuta martu;*

"*(iii) Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Amy tal-partijiet tigi fdata f'idejhom konguntivament, u tiffissa dawk il-modalitajiet ta' residenza u access illi jkunu fl-ahjar interess tat-tifla;*

"*(iv) Tistabilixxi l-kontribut in linea ta' manteniment ghat-tifla minuri Amy li ghandu jigi maghmul rispettivament mill-partijiet kontendenti;*

"*(v) Tapplika kontra l-konvenuta, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili (Kap. 16);*

"*(vi) Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess effetti formanti parti mill-komunjoni jigu divizi f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat minn din il-Qorti fid-dawl ukoll tad-data meta l-konvenuta ghandha tkun kondisrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lill-konvenuta, billi okkorrendo jigi nominat perit biex jaghmel il-likidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar pubbliku biex jircevi l-att relattiv u kuratur biex jirrappresenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;*

"*(vii) Tordna lill-konvenuta biex trodd lura lir-rikorrent l-effetti parafernali kollha tieghu; u*

"*(viii) Tawtorizza lir-rikorrent illi jirregistra, fir-Registru Pubbliku, is-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;*

"*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri tal-Medjazzjoni bejn il-partijiet, kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni;*

2. Il-konvenuta kkontestat il-kawża u ssostni li l-ħtija hi tal-attur.

3. B'sentenza tal-21 ta' Marzu, 2019 l-ewwel Qorti ddeċidiet:

"*1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur billi tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, bi ħtijiet ugwali fil-konfront ta' xulxin.*

"*2. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u konsegwentement tawtorizzah illi jgħix separatament mill-konvenuta martu;*

*"3. Tilqa' t-tielet talba tal-attur billi tordna illi l-minuri Amy tkun fil-kura u kustodja konġunta tal-partijiet b'dan illi l-minuri tgħix prinċiparjament mal-intimata u l-attur għandu jkollu aċċess kull nhar ta' Tlieta bejn il-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5.30pm) u t-tmienja u nofs ta' filgħaxija (8.30pm) u sleepover mill-Gimgha fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5.30pm) sal-għada s-Sibt fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5.30pm) darba kull gimghatejn. F'dik il-ġimgħa li fiha l-missier ma jkollux aċċess ta' sleepover favur bintu minuri, l-aċċess għandu jkun fil-ġurnata tal-Ħadd bejn l-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 am) u l-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00pm).*

*"4. Tilqa' r-raba' talba tal-attur u qiegħda tipprovdi dwar il-manteniment ta' Amy illum stess fis-sentenza fl-ismijiet inversi.*

*"5. Tilqa' l-ħames talba tal-attur u tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti kollha tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*"6. It-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ġja ġiet deċiża b'effett tas-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fid-9 t'Ottubru 2014; Dwar id-diviżjoni tal-istess komunjoni, il-Qorti qiegħda tipprovdi llum stess fis-sentenza fl-ismijiet inversi.*

*"7. Tiċħad is-seba' talba tal-attur.*

*"8. Tilqa' it-tmien talba tal-attur b'dana illi tawtorizzah jirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku.*

*"9. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*"Bl-ispejjeż, inkluż tal-mandati fl-ismijiet premessi, jiġu sopportati mill-partijiet b'mod ugwali bejniethom.*

4. Il-konvenuta appellat mis-sentenza permezz ta' rikors preżentat fl-10 ta' April, 2019, bl-aggravji jkunu dwar il-ħtija għad-divorzju u l-kap tal-ispejjeż. Il-konvenuta talbet lil din il-Qorti sabiex fir-rigward tas-sentenza tal-21 ta' Marzu 2019 li ngħatat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja):

*"2. Tirrevokaha nkwantu l-ewwel Onorabbli Qorti sabet illi l-kontendenti kienu taw lok għad-divorzju bi ħtijiet ugwali fil-konfront ta' xulxin, inkwantu ukoll fejn l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet l-ħames talba tal-*

*appellat u applikat fil-konfront tal-appellanti l-effetti kollha tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; inkwantu ġie ddikjarat mill-ewwel Onorabbli Qorti illi dwar it-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ġja ġiet deċiża b'effett tas-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fid-9 t'Ottubru 2014; in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti ordnat illi l-ispejjeż, inluż tal-mandati fl-ismijiet premessi, jiġu sopportati mill-partijiet b'mod ugwali bejniethom.*

*"3.Minflok tordna u tiddikjara illi kien l-attur appellat illi ġab it-tifrik taż-żwieġ u li huwa għalhekk kien responsabbli għad-divorzju tal-partijiet; tiċħad il-ħames talba tal-attur appellant; tordna illi l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża jitħallsu mill-attur appellat kompriżi dawk l-ispejjeż kollha ndikati fl-istess sentenza bħala pagabbli miż-żewġ partijiet; u tordna illi r-riferenza għas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet inversi titqies bħala riferenza għas-sentenza illi tiġi eventwalment mogħtija f'dik il-kawża minn dina l-Onorabbli Qorti fuq l-appell tal-appellanti"*.

5. L-attur wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud. Inoltre appella b'mod inċidentali minn dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti li titratta dwar l-ishma li għandha l-konvenuta fil-kumpannjia VJM Properties Limited li fiha ġew amalgamati tliet kumpanniji, u talab lill-Qorti sabiex:

*"..... tvarja l-istess sentenza billi tikkonfermaha ħlief fejn fil-każ tal-likwidazzjoni u l-qsim tal-beni tal-partijiet, in rigward tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fis-sens illi l-ishma fis-soċjeta VJM Properties Limited għandhom jitqiesu assi parafernali tal-appellanti, tħassar dik id-deċiżjoni u tiddeċiedi minflok illi l-valur tal-ishma ndikati kien sar jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġja' eżistenti bejn il-partijiet"*.

**<u>Fatti.</u>**

6. Il-partijiet iżżewġu fil-15 ta' Ġunju, 2002;

7. Qabel iż-żwieġ il-konvenuta kellha ishma f'żewġ kumpanniji tal-familja. Imbagħad fit-3 ta' Ġunju, 2005 dawk il-kumpanniji ġew

amalgamati f'kumpannija oħra (VJM Properties Ltd, C36381) li fiha l-konvenuta għandha 3,400 sehem.

8. Fit-30 ta' Ġunju, 2005 twieldet it-tifla Amy, li ser tagħlaq ħmistax-il sena;

9. Fit-13 ta' Lulju, 2010 il-konvenuta ppreżentat ittra fejn talbet li jibda l-proċess ta' medjazzjoni sabiex tkun awtorizzata tibda l-proċeduri ta' separazzjoni;

10. B'digriet mogħti fid-19 ta' Jannar, 2011 il-partijiet kienu awtorizzati jipproċedu għas-separazzjoni;

11. Fit-18 ta' Marzu, 2011 l-attur ippreżenta l-kawża għas-separazzjoni. Hu ppremetta li l-ħajja taż-żwieġ kienet saret impossibbli minħabba *".... eċċessi u nġurji da parti tal-konvenuta fil-konfront tar-rikorrent attur, u ż-żwieġ tagħhom jinsab imfarrak b'mod irrimedjabbli"*. Dakinhar stess ukoll il-konvenuta ppreżentat kawża ta' separazzjoni (rikors 86/2011), deċiża wkoll illum;

12. Fit-18 ta' Mejju, 2011 fil-kawża ta' separazzjoni 86/2011 bejn l-istess partijiet, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat lill-attur sabiex joħroġ mid-dar matrimonjali;

13. Fis-27 ta' Mejju, 2011 fil-kawża l-oħra, il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex iħallas manteniment lill-konvenuta ta' €200 kull erba' gimgħat u €200 għat-tifla Amy;

14. Il-konvenuta qiegħda f'relazzjoni ma' Malcolm Saliba, li meta xehed fid-29 ta' Ottubru, 2012 qal li kien ilu jafha *"għal dawn l-aħħar 10 xhur. Iltqajna ġo cafeteria. Wara li ltqajna 10 xhur ilu, bdejt noħroġ magħha";*

15. L-attur qiegħed f'relazzjoni ma' Sharon Cross. Relazzjoni li l-Qorti hi konvinta li kienet diġa' teżisti fl-2010;

16. B'deċiżjoni tad-9 ta' Ottubru, 2014 l-ewwel Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti;

17. B'digriet tat-3 ta' Mejju, 2016 il-qorti laqgħet it-talba sabiex il-firda personali tinbidel f'talba għal divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (ara l-atti 85/2011/2);

18. B'sentenza tal-21 ta' Marzu, 2019 l-ewwel Qorti ddeċidiet li d-divorzju seħħ bi ħtija ugwali taż-żewġ partijiet.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

**Appell tal-konvenuta.**

19. Dwar ir-responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ l-ewwel Qorti kkonkludiet li dan kien taż-żewġ partijiet f'sehem ugwali bejniethom. Irraġunat li:-

> *"Il-konvenuta targumenta illi kien żewġha illi kisser iż-żwieġ għaliex kien hu li beda relazzjoni adultera ma' Sharon Cross illi wasslet għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom. Filwaqt illi hija taqbel illi kienet tiltaqa' ma' Kevin Manicolo, dan kien biss is-sieħeb tagħha taż-żfin fil-passat u xejn iktar minn ħbieb. Il-Qorti tirrileva illi dawn il-laqgħat tal-attriċi ma' Manicolo, kienu jqajmu tensjoni bejn il-koppja Grima sa mill-għerusija tagħhom, u l-istess intimata kienet allura wegħdet lill-attur li hija ma kinitx ser tibqa' tiltaqa' ma' Manicolo u dana wara episodju fl-għerusija fejn hija beżgħet li kienet ħarġet tqila minn dan Manicolo. Minkejja din il-wegħda, hija ma setgħetx taqta' l-inkontri ma' Manicolo. Ladarba kienet taf illi l-attur kien skomdu bl-inkontri tagħha ma' Manicolo, tenut kont il-passat tagħhom, l-intimata kellha tagħmel sforz ikbar biex tevitahom u żżomm kelmitha li taqta' kull komunikazzjoni miegħu, dan sabiex ma xxellifx il-fiduċja reċiproka neċessarja fil-relazzjoni tagħha ma' Grima. Anke jekk ma ġiex ippruvat illi r-relazzjoni bejn l-intimata u Manicolo, wara ż-żwieġ tagħha mal-attur, kienet waħda fiżikament intima, xorta waħda xekklet l-iżvilupp tar-relazzjoni Grima.*
>
> *"Inoltre il-Qorti tirrileva wkoll illi l-istess intimata ma damitx wisq, wara li żewġha allontana ruħu mid-dar matrimonjali, sabiex bdiet relazzjoni ma' Malcolm Saliba.*
>
> *"B'hekk il-Qorti hija tal-fehma li d-dikjarazzjonijiet tal-attriċi li hija għamlet minn kollox biex issalva ż-żwieġ, jirriżultaw għal kollox fiergħa, dgħajfin u xejn konvinċenti.*
>
> *"Dwar l-argument illi l-Perit Legali ma kellux janalizza r-relazzjoni extra-matrimonjali tal-intimata, in vista li l-adulterju mhuwiex wieħed mill-premessi sollevati mill-attur fis-separazzjoni odjerna, il-Qorti tirrileva illi lanqas fl-azzjoni fl-ismijiet inversi ma ġie premess l-adulterju bħala l-kawża għat-tkissir taż-żwieġ imma l-intimata xorta waħda tippretendi li l-Qorti tikkonsidra l-adulterju tal-attur.*
>
> *"Il-Qorti tissolleva illi t-talbiet tal-partijiet għad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni mhumiex speċifikatament marbuta mal-aggravji indikati fil-premessi, iżda qed jitolbu s-separazzjoni għal tortijiet attribwibbli lil-*

> *parti l-oħra. B'hekk, il-Qorti hija libera li timraħ dwar x'setgħu kienu dawn it-tortijiet. Fi kwalunkwe każ, f'kawża ta' separazzjoni personali, il-Perit Legali kien jonqos minn dmirijietu, u sussegwenetment il-Qorti tkun ugwalment qed tonqos, kieku ma tieħux konjizzjoni tal-allegazzjonijiet ta' adulterju bejn il-koppja, meta dan it-tort huwa meqjus bħala l-ikbar moħqrija inflitta bejn il-konjuġi".*

20. Il-konvenuta qiegħda ssostni li kien l-attur li kien il-kaġun għat-tifrik taż-żwieġ.

21. M'hemmx dubju li mill-provi rriżulta bl-iktar mod ċar li sa minn qabel bdew il-proċeduri ta' separazzjoni, l-attur kien f'relazzjoni ma' Sharon Cross. L-ittra datata **20 ta' Ottubru 2010** (fol. 955), li dwarha ma ta l-ebda spjegazzjoni, ma tħalli l-ebda dubju. Fiha l-attur stqarr l-imħabba li għandu lejn Sharon Cross, u talabha taħfirlu sabiex juriha kemm kien iħobbha u jiddispjaċih li kien żbalja. Kompla li ried li jkun magħha biex juriha li jħobbha u li tista' tafdah u ttih l-imħabba. L-ittra tispiċċa bil-kliem, *"I beg you one more time. Please take me back my Love. I adore you"*. Dwar dik l-ittra Sharon Cross qalet, *"Darba minnhom kien reġa' qalli li xtaq li nkun aktar minn good friends u bagħatli ittra* ***għaliex jiena kont ksirtu u għidtlu sabiex jaqta' kull kuntatt minn miegħi. Dan kien madwar Ottubru tas-sena 2010****"* (fol. 936). Il-Qorti ma tistax temmen li l-attur bagħat l-ittra ta' Ottubru, 2010 għar-raġuni li semmiet. L-ittra anzi turi li f'dak iż-żmien l-attur u Sharon Cross kienu diġa' *'aktar minn good friends'*. Jirriżulta li l-koppja Cross kienu għamlu żmien ħbieb mal-kontendenti u kienu joħorġu flimkien. Skont Alistair Cross, ir-raġel ta' Sharon Cross, ma komplewx jiltaqgħu meta sab l-emails li l-attur kien

jibgħat lil martu. Emails li lill-qorti ma jħallulha l-ebda dubju li bejn l-attur u Sharon Cross kien hemm relazzjoni li tmur ferm lil hin minn sempliċi ħbiberija.

22. Fir-rikors tal-appell il-konvenuta argumentat li l-qorti għandha tiddetermina jekk fiż-żmien li tkisser iż-żwieġ, l-appellat kellux relazzjoni ma' Cross u li min-natura tagħha kienet tammonta għall-inġurji, ossija offiża gravi, skont il-liġi. M'hemm bżonn xejn minn dan. L-attur instab ħati għat-tkissir taż-żwieġ, u m'appellax minn dik il-parti tas-sentenza.

23. B'nota preżentata fid-9 ta' Frar, 2017 (fol.1 42) l-attur iddikjara:-

> *"Il-provi akkwiżiti fil-kawża jindikaw illi* ***bil-komportament tagħha fantasjuż u mfissed, qabel u wara ż-żwieġ, il-konvenuta ġabet lill-esponent f'qagħda li ma jistax ikompli f'ħajja taż-żwieġ normali****.*
>
> *"L-attriċi stqarret ħafna qsim il-qalb, b'nonkuranza totali għan-nuqqas ta' fiduċja li spiċċat tinduċi fl-esponent.*
>
> *"Ma damitx ħafna, pero', biex iddewwi l-qsim il-qalb mhux b'eżami ta' x'seta wasal għad-diskordja bejnha u bejn żewġha imma billi nxteħtet f'relazzjoni ma' terz li jpaxxi l-fantasija tagħha.*
>
> *"****Il-problema reali ta' din il-firda jinsab fid-differenzi karatterjali bejn il-partijiet, riżultanti wkoll minn sfond soċjali u edukattiv għal kollox divers****".*

24. Minn din in-nota wkoll hu evidenti li l-attur ma kienx qiegħed jallega li ż-żwieġ tkisser minħabba adulterju tal-konvenuta. Il-qorti tifhem li r-relazzjoni li rrefera għaliha l-attur hi dik li l-konvenuta għandha ma'

Malcolm Saliba, u li dakinhar li ppreżenta n-nota kienet diġa' rriżultat mill-provi li teżisti.

25. Dan apparti li fir-rikors ġuramentat ma saret l-ebda allegazzjoni li l-attriċi ikkommettiet adulterju. Parti fiż-żwieġ titlob is-separazzjoni għal raġuni li tissemma fir-rikors ġuramentat. F'dan il-każ l-attur semma eċċessi, inġurji gravi u l-fatt li ż-żwieġ kien tkisser irrimedjabbilment. Ma ssemmietx dispożizzjoni fil-liġi li jagħti d-dritt lill-Qorti li tiddeċiedi fuq raġuni differenti minn dik li jsemmi l-attur, kif ipprova jagħti x'jifhem l-attur.

26. Hu veru li l-ewwel talba tar-rikors ġuramentat hi fis-sens sabiex il-qorti tippronunzja l-firda personali (wara saret id-divorzju) *"għal raġunijiet imputabbli lill-konvenuta"*, madankollu t-talba hi marbuta ma dak li jkun ġie premess fl-istess att ġudizzjarju. F'dan il-każ l-adulterju ma jissemmiex.

27. Il-Qorti żżid li kien fl-affidavit tal-attur li semma lil Kevin Manicolo, u li kien konvint li ***"kien hemm iktar minn sempliċi ħbiberija bejniethom"*** (fol. 985). Jekk hu hekk ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni li tiġġustifika għalfejn l-attur semma fatt bħal dak għall-ewwel darba fl-affidavit tiegħu.

28. Sharon Cross semmiet ukoll li meta kienu għadhom joħorġu bħala żewġ koppji, l-attur kien qalilha li kien jinnota ċertu kunfidenzi bejn żewġha (Alistair Cross) u martu. Fatt li l-attur qatt ma kkorrobora. Pero` m'hemmx provi ċari li l-konvenuta qatt kellha relazzjoni ma' Alistair Cross. Il-Qorti żżid li fl-affidavit li għamlet Sharon Cross, qatt ma semmiet xejn dwar kunfidenzi bejn żewġha u l-konvenuta. Għaldaqstant, ix-xhud ma titwemminx.

29. Kif diġa' ssemma, fl-affidavit l-attur irrefera għal Kevin Manicolo. Issemma wkoll minn Sharon Cross (fol. 953). Il-konvenuta għalkemm kellha l-opportunita`, ma xehditx dwar il-ħbiberija li kellha ma' dik il-persuna. Persuna li kienet taf meta kienet għadha xebba għaliex kienet tiżfen miegħu. Lanqas ma sar kontro-eżami lill-attur dwar il-ħbiberija tagħha ma' Manicolo matul iż-żwieg. Ħbiberija li minkejja li kienet taf li żewġha ma kienx kuntent biha. Persuna li meta kienet għadha xebba kienet tiżfen miegħu u jidher li l-familja tal-konvenut u ta' Manicolo kienu qrib ta' xulxin.

30. Għal dak li hu adulterju, fis-sentenza **Rose Gauci v. Salvatore Gauci** tal-1 ta' Ottubru, 2002 il-Prim'Awla qalet:

> *"L-adulterju hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova,* ***huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu***

> ***gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika****"*.

31. Għalkemm fl-affidavit il-konvenut jagħti x'jifhem li martu kellha relazzjoni ma' Manicolo, f'dak ir-rigward il-provi huma skarsi. Manicolo lanqas tressaq bħala xhud. L-istess l-attur ma ressaqx bħala xhud lil Louiseanne Calleja, li qal li kienet ħabiba ta' martu u kienet taf li martu kienet qiegħda tiltaqa' ma' Manicolo. Pero` jidher li kuntatt kien hemm bejn il-konvenuta u dik il-persuna.

32. Madankollu kieku l-allegat adulterju ma' Manicolo kien minnu u l-kaġun għalfejn sfaxxa ż-żwieġ, il-Qorti tistenna li l-attur kien jagħmel il-pożizzjoni tiegħu ċara sa mill-bidunett tal-kawża u mhux jibqa' fommu sieket. F'kull każ l-ewwel Qorti kkonfermat li ma kienx ġie ppruvat li kien hemm relazzjoni intima bejn Manicolo u l-konvenuta, għalkemm osservat:

> *".... illi dawn il-laqgħat tal-attriċi ma' Manicolo, kienu jqajmu tensjoni bejn il-koppja Grima sa mill-għerusija tagħhom, u l-istess intimata kienet allura wegħdet lill-attur li hija ma kinitx ser tibqa' tiltaqa' ma' Manicolo u dan wara episodju fl-għerusija fejn hija beżgħet li kienet ħarġet tqila minn dan Manicolo. Minkejja din il-wegħda, hija ma setgħetx taqta' l-inkontri ma' Manicolo"*.

33. Il-konvenuta baqgħet siekta għal dak li qal żewġha, minkejja li l-affidavit kien ġie preżentat waqt seduta tal-15 ta' Novembru 2013 fil-kawża 86/2011. Wara dakinhar il-konvenuta ppreżentat affidavit (li għamlet fl-20 ta' Frar, 2015) u ma qalet xejn dwar dak li xehed dwaru l-attur. Il-qorti kienet tippretendi li l-konvenuta minn jeddha tixhed u tagħti

spjegazzjoni dwar il-ħbiberija tagħha ma' Manicolo. Hekk ukoll fin-nota li pprezentat fis-17 ta' April, 2017 ma semmiet xejn. M'huwiex korrett min-naħa tal-konvenuta li tgħid li *"Dan Kevin Manicolo jibqa' wieħed mill-misteri ta' din il-kawża"*. Manicolo ma kien misteru xejn għaliex issemma ripetutament mill-attur meta xehed permezz ta' affidavit. Minflok il-konvenuta kkonfrontat dak li qal l-attur, għażlet it-triq passiva.

34. Fir-rikors tal-appell il-konvenuta argumentat li ma kienx hemm provi li kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti biex tikkonkludi li l-ħbiberija li kellha ma' Manicolo, *"xekklet l-iżvilupp tar-relazzjoni Grima"*. Hawn ukoll tidher li insiet li hemm l-affidavit ta' żewġha, li lanqas biss sarlu kontro-eżami dwar dak li qal dwar il-ħbiberija tal-konvenuta u Manicolo. Il-konvenuta kienet taf dak li xehed żewġha u kieku riedet kellha kull opportunita` li tixhed u tispjega. Issa qiegħda tikkritika lill-ewwel Qorti meta n-nuqqas hu tagħha. Il-konvenuta hi żbaljata tgħid li l-uniku ħjiel tar-rabta' bejnha u Manicolo, kienet il-*partner* ta' żewġha. Fir-rikors tal-appell qalet li ma spjegatx li ma kien hemm xejn ħażin li tiltaqa' miegħu, għaliex sempliċement kienu *partners* taż-żfin. Ma jirriżultax li fil-perjodu rilevanti kienet għadha tiżfen. Li l-appellanti tgħid li m'huwiex ċar għalfejn l-ewwel Qorti sabet li Manicolo *"kien rilevanti f'din it-tema"*, hu skorrett.

35. Li hu ċert hu li m'għaddiex wisq żmien wara li bdiet il-kawża ta' separazzjoni li l-konvenuta bdiet relazzjoni ma' Malcolm Saliba.

Għalkemm kienet għaddejja minn burraxka li separazzjoni ġġib magħha wara iktar minn tmien snin żwieġ, hu evidenti li l-konvenuta malajr addattat għall-ħajja ġdida f'relazzjoni ma' raġel ieħor. M'huwiex korrett li l-appellanti targumenta li dik ir-relazzjoni bdiet snin wara li żewġha telaq mid-dar matrimonjali. Minn dak li xehed Saliba jidher li kien f'Jannar 2011 li bdiet dik ir-relazzjoni. Mill-affidavit tal-istess konvenuta ma jirriżultax li żewġha kien ilu s-snin li telaq mid-dar, u anzi tirrakkonta x'kien qiegħed jiġri d-dar matul April u Mejju, 2010. Qalet ukoll li lejn l-aħħar ta' Diċembru 2010 kien beda jmur jorqod id-dar ta' ommu u f'Jannar, 2011 *"beda joqgħod dejjem għand ommu"* (fol. 179). Għalhekk hu evidenti li kif l-attur warrab mid-dar, nibtet ir-relazzjoni bejn il-konvenuta u Saliba.

36. Madankollu skont il-provi li tressqu, meta bdiet dik ir-relazzjoni ż-żwieġ tal-kontendenti kien diġa' sfaxxa. Għalkemm l-attur isostni (ara nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri fil-kawża konnessa 85/2011) li mid-deposizzjoni ta' Saliba kien jirriżulta li daħal fil-ħajja ta' martu qabel tkisser iż-żwieġ, ma semmiex kif wasal għal dik il-konklużjoni. Il-qorti qrat id-deposizzjoni ta' Saliba u ma taqbilx mar-raġunament tal-attur.

37. Fis-sentenza l-ewwel Qorti kkonfermat dak li ntqal fir-rapport tal-perit legali li kkonkluda li ż-żewġ partijiet kellhom responsabbilta` ugwali minħabba inġurji gravi u adulterju.

38. Wara li l-qorti qrat l-atti hi konvinta li ż-żwieġ tkisser prinċipalment tort tal-attur li qabad relazzjoni bil-moħbi ma' Sharon Cross li kienet ħabiba ta' martu. Relazzjoni li hi evidenti li l-konvenuta skopriet wara li kienet bdiet il-kawża ta' separazzjoni. Fil-fatt fin-nota ġuramentata li ppreżentat fil-15 ta' April, 2011 (fol. 22 tal-kawża 86/2011) spjegat:-

> *"1. **Responsabilita'** – Il-konvenut huwa unikament responsabbli għas-separazzjoni. Huwa bagħat javża illi xtaq jinfired mill-esponenti mingħajr qatt ma mmotiva talba hekk sejra, la personalment lill-esponenti u lanqas matul il-proċess ta' medjazzjoni".*

39. Sharon Cross ma tissemmiex u lanqas fil-lista tax-xhieda. Mill-provi rriżulta kif kien biss waqt il-kawża li skopriet bir-relazzjoni klandestina li kien għaddej fiha żewġha, wara li tfaċċa Alistair Cross (ir-raġel ta' Sharon Cross).

40. Min-naħa tal-konvenuta għandha parti mill-ħtija li kompliet bil-ħbiberija antika li kellha ma' Manicolo. Ħbiberija li ħolqot tensjoni bla bżonn fiż-żwieġ. Dan meta hi stess qalet li qabel iż-żwieġ kienet waqfet miż-żfin proprju minħabba li ma kienx jieħu gost *"5....li jien kont niżfen ma' partner"*.

41. Hu veru li l-konvenuta ilha issa snin f'relazzjoni ma' Malcolm Saliba. Madankollu, il-provi juru li r-relazzjoni bdiet meta kien hemm diġa' l-inkwiet u l-partijiet kienu ġew awtorizzati mill-qorti sabiex jibdew proċeduri ta' separazzjoni. Sa dak iż-żmien iż-żwieġ kien diġa' tkisser.

Biżżejjed per eżempju jissemma kif fit-13 ta' Lulju, 2010 l-appellanti bdiet il-proċess sabiex issir il-medjazzjoni.

42. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuta għandha inqas tort mill-attur bħala raġuni għalfejn tkisser iż-żwieġ, u dan fi grad ta' ¼ għall-konvenuta u ¾ tal-attur.

43. Għalkemm il-konvenuta tippretendi li ma kellhiex tiġi imposta fuqha s-sanzjoni kontemplata fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti ma taqbilx. L-attriċi għandha parti mit-tort u f'kull każ ftit wara li bdew il-proċeduri ġudizzjarji bdiet ħajja ġdida b'relazzjoni ma' raġel ieħor. Għalhekk b'applikazzjoni tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili, l-Artikolu 48 għandu japplika wkoll fil-konfront tagħha.

**Appell inċidentali.**

44. L-attur ippreżenta appell inċidentali, fejn ilmenta dwar trasferiment ta' ishma li sar lill-kumpannija VJM Properties Limited matul iż-żwieġ. Isostni li l-ishma m'humiex parafernali tal-mara iżda tal-komunjoni tal-akkwisti.

45. Fir-realta` ma kienx hemm bżonn li jsir appell f'din il-kawża stante li dwar dak li kien jikkonsisti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u l-qsim tal-

ġid, il-Qorti llimitat ruħha biex tgħid li kienet diġa' ipprovdiet *"6...... illum stess fis-sentenza fl-ismijiet inversi"*.

46. F'kull każ dwar dik il-kumpannija l-ewwel Qorti qalet:

> *"1. L-ishma ta' VJM Properties Limited – Jirriżulta ampjament ċar mill-provi prodotti, partikolarment mix-xiehda ta' Claudette Fenech rappreżentanta ta' Malta Financial Services Authority, illi s-soċjeta VJM Properties Limited ġiet fis-seħħ b'riżultat ta' merger bejn tliet kumpanniji oħra u ċioe MJV Investments Limited, J & M Holdings Limited u V.B. Developments Limited. Illi l-intimata kellha l-ishma f'dawn il-kumpanniji sa minn qabel iż-żwieġ u b'hekk l-ishma fil-kumpannija VJM Properties Limited, fil-fehma tal-Qorti, baqgħu parafernali tal-intimata. Illi b'hekk l-attur m'għandu l-ebda sehem minn dawn l-ishma"*.

47. Kien hemm tliet kumpanniji MJV Investments Limited (C11517), J & M Holdings Limited (C7784) u VB Developments Limited (C3379) li b'effett mit-3 ta' Ġunju, 2005 ġew amalgamati fil-kumpannija VJM Properties Limited. Il-konvenuta kellha 125 sehem f'kull waħda mill-kumpanniji MJ Investments Limited u VB Developments Limited. Ishma li kienu parafernali.

48. Skont il-ftehim tal-merger:-

> *"The share exchange ratio is 1:1 and the shares that will be issued in the new company to the shareholders of the merging companies will be equal to the number of shares which each shareholder of the merging companies holds in those companies, after surrendering the share of the companies which will be struck off without being wound up to the remaining shareholders pro-rata"*.

49. Ukoll jekk wieħed kellu jagħti raġun lill-attur fis-sens li dawk l-ishma daħlu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti b'applikazzjoni ta' paragrafu (e) tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili, skont l-istess dispożizzjoni l-konvenuta għandha l-jedd li *"tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta' dak il-beni"*. Mhemm l-ebda prova li l-ishma li ġew allokati lill-konvenuta mar-reġistrazzjoni tal-kumpannija l-ġdida (3 ta' Ġunju 2005) żiedu jew naqsu fil-valur minn dak li kellhom l-ishma li kellha fiż-żewġ kumpanniji fuq imsemmija. Għalhekk f'kull każ għandha kreditu minħabba l-ishma li kellha fiż-żewġ kumpanniji fuq imsemmija, u mhux ser jagħmel differenza jekk dawk l-ishma humiex parafernali jew parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-ishma fil-kumpannija VJM Properties Ltd. għandhom jibqgħu allokati lill-konvenuta u l-attur m'għandu l-ebda jedd fuq l-istess.

Għal dawn Ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-konvenuta u l-appell inċidentali tal-attur billi:-

1. Sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' parzjalment l-appell tal-konvenuta u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-21 ta' Marzu, 2019 fis-sens li taqsam il-ħtija tad-divorzju in kwantu għal tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) għall-attur u kwart ($^{1}/_{4}$) għall-konvenuta. Spejjeż tal-ewwel istanza jinqasmu f'dik il-proporzjon.

2. Tiċħad il-kumplament tal-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

3. Spejjeż tal-appell tal-konvenut jinqasmu wkoll fl-istess proporzjon.

4. Tiċħad l-appell inċidentali tal-attur bl-ispejjeż kollha kontrih.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm